

Brussell, 7 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16189/23

LIMITE

ECOFIN 1310
UEM 423

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni ta' abbozzi ta' disinjji għal żewġ muniti kommemorattivi ta' 2 euro ppreżentati mill-Portugall

- Skont l-Artikolu 10(1) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 729/2014 tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni¹ (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament tal-Kunsill"), il-Portugall ippreżenta, permezz tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, l-abbozzi ta' disinjji għal:
 - munita kommemorattiva ġdida ta' EUR 2, maħsuba biex tinħareġ fl-2024, biex tikkommemora l-50 anniversarju tal-25 ta' April 1974, id-data tar-rivoluzzjoni li mmarkat l-istabbiliment tar-regola demokratika fil-Portugall (kif tinsab fid-dokument ST 16188/23);
 - munita kommemorattiva ġdida ta' 2 euro, maħsuba biex tinħareġ fl-2024, iddedikata għall-parteċipazzjoni fit-33 edizzjoni tal-Logħob Olimpiku (kif stabbilit fid-dokument ST 16188/23).
- Skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament tal-Kunsill, kwalunkwe Stat Membru li l-munita tiegħu tkun l-euro jista', f'opinjoni motivata indirizzata lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, iqajjem oġġezzjoni għall-abbozz ta' disinn propost mill-Istat Membru emittenti jekk dak id-disinn tal-abbozz x'aktarx li joħloq reazzjonijiet negattivi fost iċ-ċittadini tiegħu.

¹ ĠU L 194, 2.7.2014, p. 1.

3. Skont l-Artikolu 10(5) tar-Regolament tal-Kunsill, fejn il-Kummissjoni tkun qieset li l-abbozz ta' disinn ma jirrispettax ir-rekwiżiti tekniċi stipulati mir-Regolament tal-Kunsill, hija kellha tippreżenta valutazzjoni negattiva lill-Kunsill.
4. Ma tressqet ebda opinjoni motivata jew valutazzjoni negattiva lill-Kunsill sas-6 ta' Diċembru 2023, li kien il-limitu ta' żmien stabbilit skont l-Artikolu 10(4) u (5) tar-Regolament tal-Kunsill.
5. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 10(6) tar-Regolament tal-Kunsill, id-deċiżjoni li tapprova d-disinn imsemmi hawn fuq hi meqjusa li ġiet adottata mill-Kunsill fis-7 ta' Diċembru 2023².
6. Hu mfakkar li, skont l-Artikolu 10(8) tar-Regolament tal-Kunsill, l-informazzjoni rilevanti kollha dwar disinji ġodda tal-muniti nazzjonali għaċ-ċirkolazzjoni għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
7. Il-Komitat tar-Rappreżentanti Permanenti/il-Kunsill huma mistiedna jqisu din in-Nota ta' Informazzjoni bħala punt "I/A" fuq l-aġenda tal-laqgħat tagħhom li jmiss.

² Il-limitu ta' sebat ijiem u d-data tal-adozzjoni msemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 729/2014 jiġu determinati skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien (ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1).